# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru 1002/89 DS**

Alfred Gatt in rappresentanza tas-socjeta' Galdes & Mamo Ltd. u dina bhala agenti Malta tas-socjeta' assikurattrici estera Royal Insurance (Int.) Ltd. surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Bortex Clothing Indistries Co. Ltd. u b'nota tal 25 ta' April 2000 is-socjeta' Gasan Mamo Insurance Agency Ltd. assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Galdes & Mamo Insurance Agency Ltd. u dana in rappresentanza tas-socjeta assigurattrici estera Royal

International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha indikat fic-Citazzjoni.

Vs

Adrian De Haan u Edward Attard bhala diretturi u in rappresentanza tas-socjeta' De Haan Transport (Malta) Ltd; u b'nota tad-19 ta' Dicembru 1994 Dr. Tonio Farrugia LL.D. ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess socjeta' assuma l-atti tal-kawza minflok Adrian De Haan u Edward Attard.

Illum, 14 ta' Dicembru 2001-12-05

Il-Qorti rat ic-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Settembru 1989 li permezz taghha l-attur nomine wara li prremetta:

Illi s-socjeta' Bortex Clothing Indistries Co. Ltd. ikkuntrattjat mal-konvenuti De Haan Transport (Malta) Ltd. biex tittrasporta erba mija u tmienja u tletin (438) ilbiesi tal-irgiel minn Malta sa Londra l-Ingilterra, kif jirrizulta mill-polza CMR Dok. A.

Illi meta l-kunsenja waslet l-Ingilterra r-ricevituri rcevew erba mitt libsa (400) biss jigifieri tmienja u tletin nieqsin kif jirrizulta mill-ircevuta li taw lit-trasportatur. Dok B u d-Dokument D.

Illi ghal dan in-nuqqas l-assikurazzjoni hallset l-esportatur is-somma ta’ elf mija tnejn u sittin lira Maltin u zewg centezmi (Lm1162.02) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur;

Illi l-konvenuti nomine huma responsabbli ghan-nuqqas premess;

Talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat, u

2. tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-atturi nomine is-somma ta’ Lm1162.02 bhala danni kkagunati lill-importatur assigurat kif intqal.

Bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi l-kuntratt ta’ trasport li fih kienu dahlu l-attur nomine u l-konvenuti

nomine huwa regolat bil-Konvenzjoni Internazzjonali ghall-garr tal-Merkanzija bit-Triq (1956) maghrufa bhala CMR u li fiha u specifikament f'Kapitolu 5, Artikolu 30, Sub-artikolu 1, ighid illi fil-kaz ta' hsara apparenti fil-merkanzija il-consignee ghandu jaghmel ir-riservazzjonijiet tieghu mhux aktar tard mill-hin tal-konsenja u f'kaz ta' hsara mhux apparenti fi zmien sebat ijiem u dana bil-miktub.

2. Minghajr hsara ghas-suespost, illi l-konvenuti nomine m'humiex responsabbli ghan-nuqqas allegat mill-attur nomine.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tal-14 ta' Dicembru 1989 fejn gie nominat l-assistent gudizzjarju Dr. Tony Degaetano biex jigbor il-provi;

Rat id-digriet tad-19 ta' Dicembru 1991 fejn gie revokat l-inkarigu ta' l-imsemmi assistant gudizzjarju u gie nominat l-Avukat Dr. Louis Thomson bhala perit legali;

Rat id-digriet tas-7 ta' April 2000 fejn l-imsemmi perit legali gie awtorizzat jirritorna l-process u l-Qorti kompliet biex titratta l-kawza hi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda konsenja ta' 438 libsa ta' l-irgiel esportati mis-socjeta' Bortex Clothing Industries Co. Ltd. f'Ottubru 1988. Dawn gew rilaxxati mid-Dwana ghall-esportazzjoni fis-7 ta' Ottubru 1988 (ara affidavit ta' Angelo Bugeja tat-18 ta' April 1994 u Dok. C anness mac-citazzjoni).

Is-socjeta' konvenuta kienet inkarigata mit-trasport ta' l-imsemmija lbiesi. Meta l-konsenja waslet l-Ingilterra, pero', irrizulta li kien hemm 38 libsa nieqsa. Denis Debattista, shipping manager mas-socjeta' esportatrici qal hekk fl-affidavit tieghu ta' l-14 ta' Gunju 1993:

> "Meta l-merkanzija ghaddiet mid-Dwana ghal fuq il-vapur Zebbug, it-trailer ta' De Haan ma' min konna kkuntrattajna t-trasport u li pprovda t-trailer, it-trailer gie cekkjat mid-Dwana u kif jidher mill-endorsement tal-entry custom form no. 7 tad-Dwana rrimarkaw li 'released for export 438 men's suits'. Meta t-trailer tad-De Haan wasal ghand il-consignee, infurmana li rcevew 400 men's suits biss"

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal Dok. B (a fol 6 tac-citazzjoni) rilaxxat mir-ricevitur fejn hemm indikazzjoni ta' 38 libsa nieqsa. B'konsegwenza s-socjeta' esportatrici ghamlet claim mas-socjeta' assiguratrici li rrimborzjat lis-socjeta' esportatrici s-somma ta' Lm1162.02, somma li issa din is-socjeta' assigurattrici qed tirreklama minghand is-socjeta' konvenuta.

Da parti taghha s-socjeta konvenut eccipiet in linja preliminari li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li ssostni li s-socjeta' esportatrici ma ottemporatx ruhha mal-Konvenzjoni Internazzjonali ghall-garr tal-Merkanzija bit-Triq (1956) li jirregola l-kuntratt ta' trasport bejnha u

s-socjeta' konvenuta.  Huwa ovvju li kien imiss lis-socjeta' konvenuta li ggib il-prova ta' dan.  Izda dan m'ghamlitux.  Anzi ma ressqet l-ebda prova f'din il-kawza u ghaldaqstant lanqas ma rribattiet dak li rrizulta "prima facie" mill-provi tas-socjeta' attrici.

Difatti minn dawn il-provi jirrizulta li gew rilaxxati mid-Dwana 438 libsa izda waslu ghand id-destinatarji 400 biss.

F'dawn ic-cirkustanzi t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

Ghal-dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa t-talbiet attrici u ghalhekk:-

(1) tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghan-nuqqas fuq dikjarat u

(2) tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1162.02 bhala danni kif intqal, bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**